Tagħrif rigward id-deċiżjonijiet meħuda mis-Sotto Kumitat ta' l-Offerti tal-Kategorija B jista' jinkiseb minn fuq 22980660 għal tlett ijiem konsekuttivi wara l-ewwel pubblikazzjoni tagħhom fuq in-*notice-board* tal-Bini ta' l-Amministrazzjoni, il-Marsa.

L-4 ta' Jannar, 2008

All forms of tenders/quotations and all related documents may be obtained from Enemalta Corporation, Central Administration Building, Church Wharf, Marsa on any working day between 8.30 a.m. and noon.

Tenderers are to note that tenders/quotation forms may also be downloaded from Enemalta Website www.enemalta.com.mt against payment on-line of the relative fee.

Information regarding decisions taken by Enemalta Tender Sub Committee regarding awards of tenders Category B can be polled on 22980660 for three consecutive working days after their first publication on the notice-board at Enemalta Administration Building Marsa.

4th January, 2008

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TA' L-ILMA

Iċ-*Chief Executive*, Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma, jgħarraf illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-8 ta' Jannar, 2008, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/55/2007. Provvista u konsenja ta' karozzi.

Għandu jitħallas dritt ta' €46.59 (Lm20) għal kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, l-10 ta' Jannar, 2008, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/14/2007. Provvista u konsenja ta' *2-ton chassis cabs* bil-*crane*.

Għandu jitħallas dritt ta' €34.94 (Lm15) għal kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, l-14 ta' Jannar, 2008, fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa LQA 9043, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. WSC/T/67/2007. Provvista ta' materjali għat-tiswija ta' ħitan esterni fl-Impjant tar-Reverse Osmosis f'Għar Lapsi.

Għandu jitħallas dritt ta' €23.29 (Lm10) għal kull dokument ta' l-offerta.

WATER SERVICES CORPORATION

The Chief Executive, Water Services Corporation, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Tuesday, 8th January, 2008 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/55/2007. Supply and delivery of light cars.

A fee of €46.59 (Lm20) will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Thursday, 10th January, 2008 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/14/2007. Supply and delivery of 2-ton chassis cabs with crane.

A fee of €34.94 (Lm15) will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Water Services Corporation Head Office, Triq Ħal Qormi, Luqa LQA 9043, by not later than 10.00 a.m. on Monday, 14th January, 2008 for:-

Advt. No. WSC/T/67/2007. Supply of materials for the repair of external walls at Għar Lapsi Reverse Osmosis Plant.

A fee of €23.29 (Lm10) will be charged for each tender document.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-18 ta' Jannar, 2008, fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. WSC/T/64/2007. Provvista ta' *end caps* għall-kanen metriċi ta' ħadid li jitgħawweġ.

Għandu jitħallas dritt ta' €23.29 (Lm10) għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. WSC/T/65/2007. Provvista ta' *repair clamps 350mm* għall-kanen metriċi ta' ħadid li jitgħawweġ.

Għandu jitħallas dritt ta' €23.29 (Lm10) għal kull dokument ta' l-offerta.

Id-data ta' l-għeluq ta' dawn l-offerti ġiet estiża mis-7 ta' Jannar, 2008.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-22 ta' Jannar, 2008, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/52/2007. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' pajpijiet tal-*polyethylene*.

Għandu jitħallas dritt ta' €46.59 (Lm20) għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. CT/WSC/T/60/2007. Provvista ta' tappieri u *frames* tal-ħadid fondut għall-Waste Water Unit.

Għandu jitħallas dritt ta' €46.59 (Lm20) għal kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, l-24 ta' Jannar, 2008, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/70/2007. Kiri ta' *bowsers* biex ibattlu fosos f'diversi lokalitajiet madwar Malta - Tramuntana.

Għandu jitħallas dritt ta' €34.94 (Lm15) għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. CT/WSC/T/71/2007. Kiri ta' *bowsers* biex ibattlu fosos f'diversi lokalitajiet madwar Malta - Nofsinhar.

Għandu jitħallas dritt ta' €34.94 (Lm15) għal kull dokument ta' l-offerta.

Sealed tenders will be received at the Water Services Corporation Head Office, Triq Ħal Qormi, Luqa, by not later than 10.00 a.m. on Friday, 18th January, 2008 for:-

Advt. No. WSC/T/64/2007. Supply of end caps for metric ductile iron and imperial cast iron pipes.

A fee of €23.29 (Lm10) will be charged for each tender document.

Advt. No. WSC/T/65/2007. Supply of repair clamps 350mm for metric ductile iron pipes.

A fee of €23.29 (Lm10) will be charged for each tender document.

The closing date of these tenders has been extended from the 7th January, 2008.

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Tuesday, 22nd January, 2008 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/52/2007. Period contract for the supply of polyethylene pipes.

A fee of €46.59 (Lm20) will be charged for each tender document.

Advt. No. CT/WSC/T/60/2007. Supply of cast iron manhole covers and frames for the Waste Water Unit.

A fee of €46.59 (Lm20) will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Thursday, 24th January, 2008 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/70/2007. Hire of bowsers for the emptying of cesspits in various localities around Malta - North.

A fee of €34.94 (Lm15) will be charged for each tender document.

Advt. No. CT/WSC/T/71/2007. Hire of bowsers for the emptying of cesspits in various localities around Malta - South.

A fee of €34.94 (Lm15) will be charged for each tender document.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Jannar, 2008, fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa LQA 9043, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. WSC/T/68/2007. Provvista ta' servizzi u materjal għat-toroq għat-Taqsima tal-WSC ta' Għawdex.

Għandu jitħallas dritt ta' €23.29 (Lm10) għal kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, id-29 ta' Jannar, 2008, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/72/2007. Bejgħ *tale quale* ta' oġġetti żejda ta' l-imħażen (Lott 1: *Spare parts* ta' vetturi bil-mutur, Lott 2: *Bearings).*

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, it-30 ta' Jannar, 2008, fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa LQA 9043, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. WSC/T/73/2007. Finituri fis-sala fil-Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma.

Għandu jitħallas dritt ta' €23.29 (Lm10) għal kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-12 ta' Frar, 2008, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/66/2007. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *premixed cold asphalt surface repair material (PCASR) - Malta.*

Għandu jitħallas dritt ta' €232.94 (Lm100) għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. CT/WSC/T/69/2007. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' ġir (trab fin) fl-Impjanti tar-*Reverse Osmosis,* Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' €46.59 (Lm20) għal kull dokument ta' l-offerta.

Il-formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu mill-*Cash Office,* Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma, Ħal Luqa, u aktar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' dawn l-offerti jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-*Procurement* u *Stores,* Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa LQA 9043, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Sealed tenders will be received at the Water Services Corporation Head Office, Triq Ħal Qormi, Luqa LQA 9043, by not later than 10.00 a.m. on Friday, 25th January, 2008 for:-

Advt. No. WSC/T/68/2007. Supply of services and road materials for WSC Gozo Unit.

A fee of €23.29 (Lm10) will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Tuesday, 29th January, 2008 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/72/2007. Sale tale quale of surplus items of stores (Lot 1: Motor vehicle spare parts, Lot 2: Bearings).

Sealed tenders will be received at the Water Services Corporation Head Office, Triq Ħal Qormi, Luqa LQA 9043, by not later than 10.00 a.m. on Wednesday, 30th January, 2008 for:-

Advt. No. WSC/T/73/2007. Finishes in hall at the Water Services Corporation, Luqa

A fee of €23.29 (Lm10) will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Tuesday, 12th February, 2008 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/66/2007. Period contract for the supply of premixed cold asphalt surface repair material (PCASR) - Malta.

A fee of €232.94 (Lm100) will be charged for each tender document.

Advt. No. CT/WSC/T/69/2007. Period contract for the supply of hydrated lime (fine powder) to the Reverse Osmosis Plants, Malta.

A fee of €46.59 (Lm20) will be charged for each tender document.

Forms of tenders may be obtained from the Cash Office, Water Services Corporation, Luqa and further information regarding the conditions of these tenders may be obtained from the Procurement and Stores Office, Triq Ħal Qormi, Luqa LQA 9043, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

Tagħrif rigward deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat tal-Kuntratti tal-KSI rigward Għoti/sejħiet ġodda/Tħassir ta' offerti jista' jinkiseb minn fuq 2244 3499 għal tlett ijiem ta' xogħol konsekuttivi wara li jkunu ppubblikati l-ewwel darba fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju Prinċipali tal-KSI, Ħal Luqa.

L-4 ta' Jannar, 2008

Information regarding decisions taken by the WSC Contracts Committee regarding Awards/fresh calls/Cancellation of tenders can be polled on 2244 3499 for three consecutive working days after their first publication on the notice-board at WSC Head Office, Luqa.

4th January, 2008

AWTORITÀ TAD-DJAR

Iċ-*Chairman*, Awtorità tad-Djar tgħarraf illi:-

Offerti ssiġillati għall-Avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa ta' l-offerti ta' l-Awtorità tad-Djar, 22, Triq Pietro Floriani, il-Furjana sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Jannar 2008.

*Avviż Nru. 1/2008. Bejgħ *tale quale* tal-fond fuq plot 25, Buġibba, Triq J. Quintius. Offerti taħt €107,151.18 (Lm46,000) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 2/2008. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 9, taħt Blokki 1 u 2, Bormla, Triq San Ġwann. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' €2.33 (Lm1.00) fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt €9,783.37 (Lm4,200) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 3/2008. Bejgħ *tale quale* tal-ħanut Nru. 42, Bormla, Triq San Franġisk Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' €2.33 (Lm1.00) fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt €41,928.72 (Lm18,000) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 4/2008. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 17, taħt Blokki 1 – 8, il-Fgura, Triq l-Għarnuq. Offerti taħt €24,458.420 (Lm10,500) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 5/2008. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 33, taħt Blokki 1 – 8, il-Fgura, Triq l-Għarnuq. Offerti taħt €22,827.86 (Lm9,800) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 6/2008. Bejgħ *tale quale* tal-ħanut Nru. 18, l-Isla, Triq Filippu. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' €2.33 (Lm1.00) fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt €20,032.61 (Lm8,600) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 7/2008. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 30, Mosta, (Tal-Blata l-Għolja), Triq tal-Blata l-Għolja. Offerti taħt €14,675.05 (Lm6,300) ma jiġux ikkunsidrati.

HOUSING AUTHORITY

The Chairman, Housing Authority notifies that: -

Sealed tenders in respect of the following adverts have to be deposited in the tender box at the Housing Authority, 22, Triq Pietro Floriani, Floriana by noon on Friday, 25th January 2008.

*Advt. No. 1/2008. Sale tale quale of a premises on plot 25, Buġibba, Triq J. Quintius. Offers below €107,151.18 (Lm46,000) will not be considered.

*Advt. No. 2/2008. Sale tale quale of a premises No. 9, under Blocks 1 and 2, Bormla, Triq San Ġwann. This transfer is subject to the rent of €2.33 (Lm1.00) per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below €9,783.37 (Lm4,200) will not be considered.

*Advt. No. 3/2008. Sale tale quale of a shop No. 42, Bormla, Triq San Franġisk. This transfer is subject to the rent of €2.33 (Lm1.00) per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below €41,928.72 (Lm18,000) will not be considered.

*Advt. No. 4/2008. Sale tale quale of premises No. 17, under Blocks 1 – 8, Fgura, Triq l-Għarnuq. Offers below €24,458.420 (Lm10,500) will not be considered.

*Advt. No. 5/2008. Sale tale quale of premises No. 33, under Blocks 1 – 8, Fgura, Triq l-Għarnuq. Offers below €22,827.86 (Lm9,800) will not be considered.

*Advt. No. 6/2008. Sale tale quale of a shop No. 18, Isla, Triq Filippu. This transfer is subject to the rent of €2.33 (Lm1.00) per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below €20,032.61 (Lm8,600) will not be considered.

*Advt. No. 7/2008. Sale tale quale of a premises No. 30, Mosta, (Tal-Blata l-Għolja), Triq tal-Blata l-Għolja. Offers below €14,675.05 (Lm6,300) will not be considered.

*Avviż Nru. 8/2008. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 43, Mosta, (Tal-Blata l-Għolja), Triq ir-Rifuġjati. Offerti taħt €13,743.30 (Lm5,900) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 9/2008. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 22, taħt Blokki A – D, (Tas-Swatar), l-Imsida, Triq Ġużè Ellul Mercer. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' €2.33 (Lm1.00) fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt €12,112.74 (Lm 5,200) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 10/2008. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 23, taħt Blokki A – D, (Tas-Swatar), l-Imsida, Triq Ġużè Ellul Mercer. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' €2.33 (Lm1.00) fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt €23,759.61 (Lm10,200) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 11/2008. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 28, taħt Blokki A – D, (Tas-Swatar), l-Imsida, Triq Ġużè Ellul Mercer. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' €2.33 (Lm1.00) fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt €14,907.99 (Lm6,400) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 12/2008. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 22, taħt Blokk 6, Sit B, Pembroke, Triq Pietro Darmenia. Offerti taħt €12,578.62 (Lm5,400) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 13/2008. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 8, taħt Blokk 14, Sit B, Pembroke, Triq Pietro Darmenia. Offerti taħt €14,442.12 (Lm6,200) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 14/2008. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 35, Sit Ċ, Pembroke, Trejqet Nazju Falzon c/w Triq Burma. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' €2.33 (Lm1.00) fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt €13,044.49 (Lm5,600) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 15/2008. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 57, Sit D, Pembroke, Triq Salvatore Castaldi. Offerti taħt €13,510.37 (Lm5,800) ma jiġux kunsidrati.

*Avviż Nru. 16/2008. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 7, taħt *Maisonettes* 25 – 36, Sit F, Pembroke, Triq Gioacchino Le Brun. Offerti taħt €13,044.49 (Lm5,600) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 17/2008. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 33, taħt *Maisonettes* 25 – 36, Sit F, Pembroke, Triq Gioacchino Le Brun. Offerti taħt €15,839.74 (Lm6,800) ma jiġux ikkunsidrati.

*Advt. No. 8/2007. Sale tale quale of premises No. 43, Mosta, (Tal-Blata l-Għolja), Triq ir-Rifuġjati. Offers below €13,743.30 (Lm5,900) will not be considered.

*Advt. No. 9/2008. Sale tale quale of premises No. 22, under Blocks A – D, (Tas-Swatar), Msida, Triq Ġużè Ellul Mercer. This transfer is subject to the rent of €2.33 (Lm1.00) per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below €12,112.74 (Lm5,200) will not be considered.

*Advt. No. 10/2008. Sale tale quale of a premises No. 23, under Blocks A – D, (Tas-Swatar), Msida, Triq Ġużè Ellul Mercer. This transfer is subject to the rent of €2.33 (Lm1.00) per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below €23,759.61 (Lm10,200) will not be considered.

*Advt. No. 11/2008. Sale tale quale of a premises No. 28, under Blocks A – D, (Tas-Swatar), Msida, Triq Ġużè Ellul Mercer. This transfer is subject to the rent of €2.33 (Lm1.00) per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below €14,907.99 (Lm6,400) will not be considered.

*Advt. No. 12/2008. Sale tale quale of a premises No. 22 under Block 6, Site B, Pembroke, Triq Pietro Darmenia. Offers below €12,578.62 (Lm5,400) will not be considered.

*Advt. No. 13/2008. Sale tale quale of a premises No. 8 under Block 14, Site B, Pembroke, Triq Pietro Darmenia. Offers below €14,442.12 (Lm6,200) will not be considered.

*Advt. No. 14/2008. Sale tale quale of premises No. 35, Site C, Pembroke, Trejqet Nazju Falzon c/w Triq Burma. This transfer is subject to the rent of €2.33 (Lm1.00) per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below €13,044.49 (Lm5,600) will not be considered.

*Advt. No. 15/2008. Sale tale quale of premises No. 57, Pembroke, Site D, Triq Salvatore Castaldi. Offers below €13,510.37 (Lm5,800) will not be considered.

*Advt. No. 16/2008. Sale tale quale of premises No. 7, under Maisonettes 25 – 36, Site F, Pembroke, Triq Gioacchino Le Brun. Offers below €13,044.49 (Lm5,600) will not be considered.

*Advt. No. 17/2008. Sale tale quale of premises No. 33, under Maisonettes 25 – 36, Site F, Pembroke, Triq Gioacchino Le Brun. Offers below €15,839.74 (Lm6,800) will not be considered.

*Avviż Nru. 18/2008. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 24, taħt Blokk D, Żebbuġ (Ħal Mula). Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' €2.33 (Lm1.00) fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt €13,044.49 (Lm5,600) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

Formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu mill-Awtorità tad-Djar, 22, Triq Pietro Floriani, il-Furjana, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

L-4 ta' Jannar, 2008

*Advt. No. 18/2008. Sale tale quale of premises No. 24, under Block D, Żebbuġ (Ħal Mula). This transfer is subject to the rent of €2.33 (Lm1.00) per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below €13,044.49 (Lm5,600) will not be considered.

*Advertisements appearing for the first time

Tender forms may be obtained from the Housing Authority, 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, during office hours.

4th January, 2008

WASTESERV MALTA LTD

Iċ-*Chief Executive Officer*, WasteServ Malta Ltd, jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-11 ta' Jannar, 2008, jintlaqgħu offerti magħluqin fil-WasteServ Malta Ltd, Phoenix Building, Triq il-Ferrovija, Santa Venera, għal:–

Avviż Nru. WSM 030/2007. Provvista ta' *waste sorters*/sewwieqa u personal *semi-skilled duties* fl-Impjant għat-Trattament ta' l-Iskart f'Sant' Antnin, Marsaskala.

Għandu jitħallas dritt ta' €46.59 (Lm20) għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. WSM 031/2007. *Procurement* ta' personal għal servizzi ġenerali ta' *hand duty* fit-Thermal Treatment Facility, il-Marsa.

Għandu jitħallas dritt ta' €46.59 (Lm20) għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. WSM 032/2007. *Procurement* ta' *operators* fis-Civic Amenity Sites immexxija mill-WasteServ Malta Ltd.

Għandu jitħallas dritt ta' €46.59 (Lm20) għal kull dokument ta' l-offerta.

Il-formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu flimkien ma' aktar tagħrif meħtieġ mill-Imrieħel Civic Amenity Site, Qasam Industrijali ta' l-Imrieħel (ħdejn il-Homemate) – Numru tat-Telefon: 2148 0042 f'kull ġurnata tax-xogħol bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar.

L-4 ta' Jannar, 2008

WASTESERV MALTA LTD

The Chief Executive Officer, WasteServ Malta Ltd, notifies that:

Sealed tenders will be received at the offices of WasteServ Malta Ltd at Phoenix Building, Triq il-Ferrovija, Santa Venera up to noon on Friday, 11th January 2008 for:

Advt. No. WSM 030/2007. Procurement of waste sorters/drivers and semi-skilled duties personnel at the Sant' Antnin Waste Treatment Plant, Marsaskala.

A fee of €46.59 (Lm20) will be charged for each tender document.

Advt. No. WSM 031/2007. Procurement of personnel for general hand duty services at the Thermal Treatment Facility, Marsa.

A fee of €46.59 (Lm20) will be charged for each tender document.

Advt. No. WSM 032/2007. Procurement of operators for the Civic Amenity Sites managed and operated by WasteServ Malta Ltd.

A fee of €46.59 (Lm20) will be charged for each tender document.

Forms of tenders may be obtained together with any further information required from the Mrieħel Civic Amenity Site, Mrieħel Industrial Estate (near Homemate) – Telephone Number 2148 0042, on any working day between 9.00 a.m. and noon.

4th January, 2008

HERITAGE MALTA

Iċ-*Chief Executive Officer* tal-Heritage Malta jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-11 ta' Jannar, 2008, fl-Uffiċċju tal-Heritage Malta, Bini ta' l-*ex* Sptar Navali, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, Kalkara KKR 1320, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. HM 26.07. Katalogar tal-kollezzjoni tat-Tempji Ta' Ħaġrat u l-Iskorba.

M'hemmx ħlas biex tinġabar l-offerta, li tista' tinkiseb f'forma diġitali f'format pdf permezz ta' l-*email*. Kopja tad-dokument tista' tinkiseb wara talba bil-miktub li tintbagħat bl-*email* lil Ms Doris Bonavia fuq maria-dolores.bonavia@gov.mt.

Kull tagħrif ieħor jista' jinkiseb mingħand l-Uffiċċju tal-Proġetti Heritage Malta, Bini ta' l-*ex* Sptar Navali, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi Kalkara KKR 1320, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. sa nofsinhar u mis-1.30 p.m. sat-3.30 p.m.

L-4 ta' Jannar, 2008

HERITAGE MALTA

The Chief Executive Officer, Heritage Malta notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Projects' Offices Heritage Malta, ex-Naval Hospital, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, Kalkara KKR 1320, by not later than noon of Friday, 11th January 2008, for:-

Advt. No. HM 26.07. Cataloguing of the Ta' Ħaġrat and Skorba Temples collection.

No fees are being charged for the above tender document, which is only available in a soft copy in pdf format via email. Requests in writing are to be made via email to Ms Doris Bonavia: maria-dolores.bonavia@gov.mt.

Any other information may be obtained from the Projects Office Heritage Malta, ex-Naval Hospital, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, Kalkara KKR 1320, on any working day between 8.30 a.m. till noon and 1.30 p.m. till 3.30 p.m.

4th January, 2008

MINISTERU GĦALL-FAMILJA U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

Id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi fi ħdan il-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-18 ta' Jannar, 2008, fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment, li tinsab fis-Sular ta' Fuq (ħdejn Kamra 417) Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali fi 310, Triq ir-Repubblika, Valletta, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 1/2008. Kiri ta' *five seater double cabin van* għall-*Open Centre* tal-Marsa.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani, Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, is-Sular ta' Fuq (Kamra 416) Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta, matul il-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju.

L-4 ta' Jannar, 2008

MINISTRY FOR THE FAMILY AND SOCIAL SOLIDARITY

The Director of Corporate Services within the Ministry for the Family and Social Solidarity notifies that:-

Sealed tender documents will be received in the Tender Box of the Department, situated at the Top Floor (near Room 417), Ministry for the Family and Social Solidarity, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta, by 10.00 a.m. of Friday, 18th January, 2008, for:–

Advt. No. 1/2008. Leasing/hiring of one five seater double cabin van for the Marsa Open Centre.

Tender documents may be collected from the Human Resources Section, Department of Corporate Services, Top Floor (Room 416), Ministry for the Family and Social Solidarity, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta, during normal office hours.

4th January, 2008

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TA' L-ILMA

Il-Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma tistieden il-pubbliku ġenerali biex jieħu sehem fi:–

Stakeholder consultation on the draft scoping report for the Strategic Environmental Assessment
tal-*masterplan* għall-ilma tax-xita għall-Gżejjer Maltin

Wieħed jista' jniżżel dan id-dokument minn:
http://www.wsc.com.mt

Kummenti jistgħu jintbagħtu lis-SEA Audit Team fuq l-indirizz ta' l-*e-mail:*
sea_audit_team@gov.mt
jew bil-posta lil:
Dott. Ing. Christopher Ciantar,
SEA Audit Team,
Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent,
Barriera Wharf, Valletta

Id-data ta' l-għeluq hija nhar it-Tnejn, it-28 ta' Jannar, 2008.

WATER SERVICES CORPORATION

The Water Services Corporation invites the general public to participate in the:–

Stakeholder consultation on the draft scoping report for the Strategic Environmental Assessment of the stormwater masterplan for the Maltese Islands

This document can be dowloaded from:
http://www.wsc.com.mt

Comments may be sent to the SEA Audit Team on e-mail address:
sea_audit_team@gov.mt
or by post to:
Dr Ing. Christopher Ciantar,
SEA Audit Team,
Ministry for Rural Affairs and the Environment,
Barriera Wharf, Valletta

The closing date is Monday, 28th January, 2008.

Fond ta' Koeżjoni għall-Malta 2004-2006
Cohesion Fund for Malta 2004-2006

L-4 ta' Jannar, 2008

FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-18 ta' Jannar, 2008, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS 01-08. Provvista u stallazzjoni ta' sistema ta' *floodlighting* għall-Isports Ground fl-Isports Facilities Area l-ġdida, Ħal Luqa.

Għandu jitħallas dritt ta' €23.00 (Lm9.87) ma' kull dokument ta' l-offerta.

Wieħed jista' jara ukoll id-dokumenti ta' l-offerta fuq il-*website* tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada:
www.fts.com.mt

Kopji tad-dokumenti relevanti jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji tal-Fondazzjoni, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, (Tel. Nru. 21387664, *Fax* Nru. 21387660) fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

4th January, 2008

FOUNDATION FOR TOMORROW'S SCHOOLS

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 18th January, 2008, for:-

Advt. No.FTS 01-08. Supply and installation of a floodlighting system for the Sports Ground at the new Sports Facilities Area, Luqa.

A fee of €23.00 (Lm9.87) is to be effected on collection of the tender document.

Tender documents are available for review only on the Foundation for Tomorrow's Schools website:
www.fts.com.mt

Copies of the relevant documents may be obtained from the Foundation's offices, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, (Tel. No. 21387664, Fax No. 21387660), on working days between 8.30 a.m. and noon.

L-offerti għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa ta' l-offerti fl-uffiċċji tal-Fondazzjoni fl-indirizz imsemmi hawn fuq.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi l-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar ta' l-offerti fil-ħin u d-dati speċifikati hawn fuq.

Dawk li jagħmlu l-offerta għandhom jaraw illi skond it-termini ta' Parti II u Klawsola 20 tar-Regolamenti ta' l-2005 (A.L. 177 ta' l-2005) dwar Kuntratti Pubbliċi, l-għoti ta' l-Offerti Dipartimentali magħmula mill-Fondazzjoni għandhom jiġu ppubblikati fin-*notice-board* (Notifika ta' Intenzjoni ta' Għoti ta' Offerti Dipartimentali).

Kull min jagħmel offerta u jista' jħossu urtat b'rakkomandazzjoni bħal din għandu jissottometti ilment uffiċjali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol (sa nofsinhar), skond il-klawsola relevanti msemmija fir-Regolamenti ta' hawn fuq.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-4 ta' Jannar, 2008

Tenders must be deposited in the tender box at the Foundation's offices at the above mentioned address.

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the general public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

All tenderers should note that as in terms of Part II and Clause 20 of the Public Contracts Regulations 2005 (L.N. 177 of 2005), the award of the Departmental Tenders made by the Foundation will be published in the notice-board (Notice of Intent of Award of Departmental Tenders).

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint within three working days (till noon), as per the relevant clause mentioned in the above Regulations.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

4th January, 2008

KUNSILL LOKALI QORMI

Il-Kunsill Lokali Qormi jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Jannar, 2008, fl-uffiċċju amministrattiv jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. QLC/NUR/03/96. Tindif ta' toroq mhux urbani f'Ħal Qormi.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm15 (€34.94) għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. QLC/CM/09/95. Servizz ta' perit u *contract manager* għaż-żamma u manutenzjoni ta' toroq u bankini f'Ħal Qormi.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm15 (€34.94) għal kull dokument ta' l-offerta.

Id-dokumenti ta' l-offerti jinkisbu mill-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, 392, Triq il-Vitorja, Qormi QMR 2507, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

L-offerti jinfetħu minnufih wara d-data u l-ħin ta' l-għeluq fil-preżenza tal-pubbliku.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta xi jew kull offerta sottomessa, anke dik l-aktar waħda vantaġġuża.

L-4 ta' Jannar, 2008

QORMI LOCAL COUNCIL

The Qormi Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Council's administrative office up to noon of Friday, 25th January, 2008, for:-

Advt. No. QLC/NUR/03/96. Cleaning of non-urban roads in Qormi.

A fee of Lm15 (€34.94) will be charged for each tender document.

Advt. No. QLC/CM/09/95. Service of an architect and contract manager for the upkeep and maintenance of roads and pavements.

A fee of Lm15 (€34.94) will be charged for each tender document.

Tender documents may be collected from the Council's administrative office at 392, Triq il-Vitorja, Qormi QRM 2507, during office hours.

Tenders will be opened immediately after the closing date and time.

The Council reserves the right to refuse any or all of the tenders submitted, even the most advantageous.

4th January, 2008

KUNSILL LOKALI GĦAXAQ

Il-Kunsill Lokali Għaxaq jgħarraf illi:-

Sas-2.00 p.m. ta' nhar it-Tnejn, it-28 ta' Jannar, 2008, fil-kaxxa ta' l-offerti fil-Kunsill Lokali Għaxaq jintlaqgħu offerti magħluqin għal *Office Support Services* fuq bażi temporanja u meta jkun meħtieġ.

Dawk l-offerti li jiġu sottomessi mingħajr il-kwalifiki relevanti jew wara d-data u l-ħin ta' l-għeluq, jistgħu ma jiġux ikkunsidrati.

Id-dokumenti jistgħu jinġabru mill-Kunsill Lokali, 15, Vjal il-Labour, Għaxaq.

Għandu jsir depożitu ta' €3 (Lm1.29) għad-dokumenti meħtieġa.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta l-aktar offerta vantaġġuża. Min japplika, jekk ikun l-każ, irid iħallas il-bolla bħala impjegat għal rasu.

L-4 ta' Jannar, 2008

GĦAXAQ LOCAL COUNCIL

The Għaxaq Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box at the Għaxaq Local Council up to 2.00 p.m. of Monday, 28th January, 2008, for Office Support Services on a temporary basis and when the need arises.

Tenders which are submitted without the relevant qualifications or after the closing time and date may not be considered.

Documents can be collected from the Għaxaq Local Council, 15, Vjal il-Labour, Għaxaq.

A deposit of €3 (Lm1.29) must be made for the necessary documents.

The Council reserves the right to refuse even the most advantageous offer. The applicant, if the case arises, should register as a self employed worker.

4th January, 2008

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-5 ta' Novembru, 2007, mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skond l-artikolu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim Awla fil-25 ta' Ottubru, 2006, minn HSBC Bank Malta Plc (C3177) qed jintalab il-Bejgħ bl-Irkant ta':

Porzjon diviż ta' art tal-kejl ta' disgħin metru kwadru (90mk) fi Triq Tumas Fenech, Birkirkara, konfinanti mill-Punent ma' l-imsemmija triq, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu.

L-imsemmi fond hi propjetà ta' John (KI 774352M) u Carmen (KI 599458M) konjugi Debono.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Diċembru, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree given on the 5th November, 2007 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

By the application filed in the Civil Court First Hall on 25th October, 2006 by HSBC Bank Malta Plc (C3177), is being asked that the Court orders the Sale by Auction of the:

Divided portion of land measuring ninety square metres (90ms) in Tumas Fenech Street, Birkirkara, confining from the West with the mentioned street, with all its rights and appurtenances.

The said tenement is the property of John (ID 774352M) and Carmen (ID 599458M) spouses Debono.

Registry of the Superior Courts, this 27th December, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2

Ikun jaf kulħadd, illi b'digriet tas-7 ta' Diċembru 2007, mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-artikolu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim Awla fit-12 ta' Settembru, 2007, minn E.J. Constructions Ltd qed jintalab il-Bejgħ bl-Irkant ta':

1. Tmienja u ħamsin (58) garaxx numerati wieħed (1) sa erbgħa u ħamsin (54), u sitta u ħamsin (56) sa disgħa u ħamsin (59) eretti fuq porzjon diviża ta' art aċċessibbli minn Triq il-Venerabbli Nazju Falzon, Birkirkara.

2. Żewġ porzjonijiet ta' art kontigwi, aċċessibbli minn Triq il-Venerabbli Nazju Falzon, Birkirkara.

Fl-imsemmi rikors qed jintalab ukoll illi bħala deskrizzjoni u valutazzjoni ta' din il-proprjetà tiġi awtorizzata dik magħmula mill-AIC Joseph Jaccarini fl-atti tas-subasta numru 163/06.

L-imsemmi proprjetà tappartjeni lil John u Carmen konjugi Debono.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Diċembru, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree given on the 7th December 2007, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

By the application filed in the Civil Court First Hall on 12th September 2007 by E.J. Construction Ltd, is being asked that the Court orders the Sale by Auction of:

1. Fifty eight (58) garages numbered one (1) to fifty four (54), and fifty six (56) to fifty nine (59) erected on a portion of divided land accessible from Venerable Nazjo Falzon Street, Birkirkara.

2. Two portions of contiguous land, accessible from Venerable Nazjo Falzon Street, Birkirkara.

In the said application it is being asked that as a description and valuation of the said property should be authorized the one made by AIC Joseph Jaccarini in the acts of Judicial sale number 163/06.

The said property belongs to John and Carmen spouses Debono.

Registry of the Superior Courts, this 17th December, 2007.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

3

Ikun jaf kulħadd, illi b'digriet tas-7 ta' Novembru, 2007, mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skond l-artikolu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim Awla fl-10 ta' Novembru, 2006, minn HSBC Bank Malta Plc (C3177) qed jintalab il-Bejgħ bl-Irkant ta':

1. Flat numru wieħed u għoxrin (21) fit-tieni sular formanti parti minn blokk ta' appartamenti b'entratura komuni bla numru, formanti parti minn 'Dolmen Court' aċċessibbli minn Triq it-Turisti, Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar

2. Ħanut bla numru bl-isem 'Kevin's Take Away', Triq ix-Xitwa, Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar, sottopost għall-beni ta' terzi, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu.

It is hereby notified that by a decree given on the 7th November, 2007 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

By the application filed in the Civil Court First Hall on 10th November, 2006 by HSBC Bank Malta Plc (C3177), is being asked that the Court orders the Sale by Auction of the:

1. Flat numbered twenty one (21) on the second floor forming part of a block of apartments with a common unnumbered entrance, forming part of Dolmen Court accessible from Tourist Street, Qawra, limits of St. Paul's Bay

2. Unnumbered shop named 'Kevin's Take Away', Winter Street, Buġibba, limits of St. Paul's Bay, underlying third party property, with all its rights and appurtenances.

L-imsemmi fond hi propjetà ta' C & J Debono Limited (C7096).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Diċembru, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The said tenement is the property of C & J Debono Limited (C7096).

Registry of the Superior Courts, this 27th December, 2007.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

4

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-18 ta' Ottubru, 2007 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta Plc ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 7 ta' Frar, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tad-9 ta' Novembru, 2005 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-fond 'Emily' bin-numru disgħa (9) fi Triq l-Immakulata Konċezzjoni, il-Ħamrun, sovvrapost għal garaxx ta' terzi, soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €2.91 (Lm1.25), liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, stmat li jiswa €145,119.96 (Lm62,300).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Alexander Anthony Whiteford (ID 44501L).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC David Pace fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-7 ta'Awissu, 2006.

N.B. Il-propjetà li se tinbiegħ f'dan l-irkant tkun liberata b'kull offerta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Diċembru, 2007.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 18th October, 2007 on the application of HSBC Bank Malta Plc, Thursday 7th February, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 9th November, 2005 to be held in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

Tenement 'Emily' numbered nine (9) in Immaculate Conception Street, Ħamrun, overlying a garage belonging to a third party, subject to an annual and perpetual ground rent of €2.91 (Lm1.25), free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, valued at €145,119.96 (Lm62,300).

The said tenement is the property of Alexander Anthony Whiteford (ID 44501L).

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC David Pace on 7th August, 2006.

N.B. The property sold in this auction will be adjudicated for any offer.

Registry of the Superior Courts, this 3rd December, 2007.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

5

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fis-16 ta' Novembru, 2007 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta Plc ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 21 ta' Frar, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-28 ta' April, 2005 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Fond bin-numru erba' mija u sebgħa u tletin (437), Mdina Road, Qormi, stmat li jiswa €407,640.34 (Lm175,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Flower Land & Nursery Company Limited et.

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 16th November, 2007 on the application of HSBC Bank Malta Plc, Thursday 21st February, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 25th April, 2005 to be held in the in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

Tenement number four hundred thirty seven (437), Mdina Road, Qormi valued at €407,640.34 (Lm175,000).

The said tenement is the property of Flower Land & Nursery Company Limited et.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Valerio Schembri fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fil-11 ta' Jannar, 2007.

N.B. Il-proprjetà li ser tinbiegħ f'dan l-irkant tkun liberata b'kull offerta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Diċembru, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Valerio Schembri on 11th January, 2007.

N.B. The property sold in this auction will be adjudicated for any offer.

Registry of the Superior Courts, this 27th December, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

6

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fit-12 ta' Novembru, 2007 fuq rikors ta' Bank of Valletta Plc ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 14 ta' Frar, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-22 ta' Marzu, 2006 li għandu jsir FIL-KURIDURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-propjetà hawn taħt deskritta.

Villa bl-isem Newark College (ġa Villa Edera), bin-numru mija u wieħed u għoxrin (121) Triq is-Sirk, Swieqi, mibnija fuq tliet sulari fuq art ta' ċirka 980 metru kwadru li tinsab f'żona residenzjali desinjata bħala villa area, illum mikrija lil terzi u użata bħala skola, stmata li tiswa €1,816,911.25 (Lm780,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' George Victor Xuereb (KI 587944M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Godwin Abela fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-8 ta' Awissu 2006.

N.B. Il-propjetà li ser tinbiegħ f'dan l-irkant tkun liberata b'kull offerta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Diċembru, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 12th November, 2007 on the application of Bank of Valletta Plc, Thursday, 14th February, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 22nd March, 2006 to be held in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

Villa named Newark College (formerly Villa Edera), numbered one hundred twenty one (121) Sirk Street, Swieqi, built on three floors on a land measuring 980 metres squared found in a residential zone designated as a villa area, presently leased to third parties and used as a school, valued at €1,816,911.25 (Lm780,000).

The said tenement is the property of George Victor Xuereb (ID 587944M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Godwin Abela on 8th August 2006.

N.B. The property sold in this auction will be adjudicated for any offer.

Registry of the Superior Courts, this 7th December, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

7

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fl-20 ta' Novembru, 2007 fuq rikors ta' Bank of Valletta Plc ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 26 ta' Frar, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-15 ta' Ġunju, 2006 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 20th November, 2007 on the application of HSBC Bank Malta Plc, Tuesday 26th February, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 15th June, 2006 to be held in the in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

L-arja tal-kejl ta' 233.45mk tal-blokk ta' bini jismu 'Paradiso Court' fi Triq Nathalie Poutiatine Tabone, Tas-Sliema, stmat li jiswa €326,112.27 (Lm140,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Trinal Company Limited

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Vincent E. Ciliberti fir-relazzjoni tieghu maħlufa fil-11 ta' Mejju, 2007.

N.B. Il-propjetà li se tinbiegħ f'dan l-irkant tkun liberata b'kull offerta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Diċembru, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Civili u Tribunali

Airspace measuring 233.45 msq of block of apartments known as 'Paradiso Court' in Nathalie Poutiatine Tabone Street, Sliema valued at €326,112.27 (Lm140,000).

The said tenement is the property of Trinal Company Limited

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Vincent E. Ciliberti on 11th May, 2007.

N.B. The property sold in this auction will be adjudicated for any offer.

Registry of the Superior Courts, this 27th December, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

8

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Diċembru 2007, fl-atti tar-Rikors Nru 755/07 JRM, fl-ismijiet Camilleri Francis et vs Ellul Alfred et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuti, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Francis u Mary konjugi Camilleri vs Alfred u Doris konjugi Ellul, kif ukoll binhom Kevin Ellul, fit-13 ta' Lulju 2007, ir-rikorrenti Francis (I.D. Nru. 46350(M) u Mary (I.D. Nru 274051M) konjugi Camilleri, esponew bir-rispett u talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

